Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Numru 364/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**JEFFREY SAMMUT.**

**Illum 15 ta' Ottubru 2002.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Jeffrey Sammut, ta’ 31 sena bin Charlie u Carmen nee’ Micallef, imwieled Canada, fil-5 ta’ Frar 1971, u li joqghod fl-indirizz, “Maple Leaf”, Triq l-Mraden, Naxxar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 471387M;

Talli fid-9 ta’ Mejju 2001, jew f’xi data ohra, fil-Belt, Valletta jew post iehor f’Malta, ikkommetta serq ta’ telefon cellulari tal-marka Ericsson GF768 u li jiswa aktar minn Lm10 izda mhux aktar minn Lm100 ghad-detriment ta’ Jesmond Mifsud minn Valletta;

Talli fl-istess cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, u cioe’ l-imsemmi telefon cellulari, mehud b’qerq jew akkwistat b’reat jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghu jew imexxih;

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi bhala persuna li gie ikkundannat f’Malta ghal serq jew ricettazzjoni, instab fil-pussess ta’ oggetti misruqa cioe’ l-imsemmi telefon cellulari u s-somma ta’ Lm85 minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu kienu jinsabu ghandu jew kif kienu gew legittimament ghandu.

Kif ukoll talli sar recediv wara li gie kkundannat b’diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Wara illi rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali li jgib id-data tas-17 ta’ Mejju 2001;

U wara illi rat l-Artikoli 261, 334, 286, 287, 49 u 50 tal-Kapitolu 9;

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza si tratta dwar serq ta’ telefon cellulari tal-marka Ericsson GF768 li jiswa mhux aktar minn Lm100 izda aktar minn Lm10 ghad-dannu ta’ Jesmond Mifsud. Giet sollevata wkoll l-akkuza ta’ ricettazzjoni u talli sar recidiv. Gew sollevati akkuzi in konnessjoni ma’ l-Artikoli 286 u 287 tal-Kapitolu 9.

Illi dana t-telefon instab fil-pussess tal-imputat waqt illi dan kien qieghed jigi investigat dwar reati ohra. Wara li dana t-telefon gie identifikat minn sidhu, Jesmond Mifsud (identifikat il-ghalied kellu buttuna mwahhla bil-kolla) l-imputat offra l-informazzjoni illi dana t-telefon huwa kien xtrah xi ghaxar xhur qabel. Inserta illi, lil Jesmond Mifsud, dana t-telefon insteraqlu xi sitt xhur qabel.

Illi l-unici provi migjuba mill-Prosekuzzjoni hija x-xhieda ta’ l-Ispettur Joseph Cordina u ta’ PC 130 Ivan Cilia bhala xhud ta’ l-istqarrija. Tenendo kont tal-fatt illi dawn huma l-unici xhieda prodotta, u l-ebda wiehed minnhom ma’ kien xhud okulari u gja la darba l-imputat zamm sod mal versjoni tieghu, anke meta huwa xehed “viva voce” quddiem dina l-Qorti, dina l-Qorti, minhabba dubbju ragonevoli jkollha, ta’ bilfors, tillibera lill-imputat mill-akkuza ta’ serq. Wiehed biss ghandhu jirrimarka illi l-anqas biss ittella’ bhala xhud David Gatt u cioe’ l-individwu kumpann ta’ l-imputat, li, fil-pussess tieghu, instabet is-Sim Card, proprjeta’ ta’ Jesmond Mifsud.

Izda rigward l-akkuza ta’ ricettazzjoni, dina l-Qorti ghandha ideat differenti. L-ewwel, wiehed ghandhu jiftakar illi l-imputat xhed illi huwa kien xtara dan il-mobile phone, xi ghaxar xhur qabel ma sabuwulu l-pulizija. Jesmond Mifsud jixhed illi l-mobile telefon tieghu insteraqlu mill-Belt biss sitt xhur qabel. It-tieni punt huwa illi Jesmond Mifsud identifika l-mobile phone bhala proprjeta’ tieghu u dana huwa ghamlu billi iddeskrivieh,

qabel ma’ rah, lill-Ispettur Cordina li, kif iccekkja l-mobile illi huwa kien ghadhu kemm eleva mill-pussess tal-imputat, sabu kif iddiskrivieh ezattament Jesmond Mifsud.

It-tielet punt huwa l-mod vag u inezatt kif l-imputat iddeskriva minghand min huwa kien xtara, allegatament, dana l-mobile phone.  Certu “Gugu”, ismhu proprju ma jafux u li kien jahdem mieghu gewwa l-Lapsi Hotel, San Giljan.  Nonostante, il-Prosekuzzjoni naqset milli ttella’ bhala xhud, rapprezentant ta’ dina l-Hotel sabiex jixhed jekk qatt impjegatx lil xi hadd bil-laqam ta’ “Gugu”, wiehed ghandhu jinnota illi l-imputat huwa reticenti illi jiddeskrivi fid-dettal lil dan il-Gugu jew li almenu jghin lill-Pulizija bl-investigazzjoni ta’ dana l-individwu.

Ir-raba punt, u din m’hihix koincidenza, ghandhu jittiehed in konsiderazzjoni l-fatt illi s-Sim Card appartenenti u proprjeta’ tad-derubat Jesmond Mifsud, instabet fil-pussess ta’ David Gatt, il-kumpajn tal-imputat dak il-hin li t-tnejn minnhom gew arrestati ghall-investigazzjoni mill-Pulizija.

Illi dawn il-koincidenzi kollha ma jistghux jigu skartati, anzi, in mankanza ta’ spjegazzjoni plawsibbli u kredibbli minn naha ta’ l-imputat, dina l-Qorti m’ghandhix triq ohra hlief illi ssib reita’ ta’ l-imputat ghal dina l-imputazzjoni lilha addebitata mill-Prosekuzzjoni.

Illi a tenur ta’ l-Artikoli 286 u 287, waqt illi dina l-Qorti qiegheda tikkommenta illi l-imputat instab hati ta’ ricettazzjoni billi instab fil-pussess ta’ mobile phone misruq, l-istess ma tistax tghid ghall-ammont ta’ LM85 misjuba fuq l-imputat u elevati minn fuq il-persuna tieghu mill-Pulizija.  L-ebda prova ma ngabet mill-Prosekuzzjoni sabiex turi lil dina l-Qorti, illi dawn il-flus kienu provenjenti minn kummissjoni ta’ reat Kriminali.  Dina l-Qorti tordna illi dana l-ammont ta’ Lm85 jintradd lura lill-imputat.

Finalment, dwar l-akkuza ta' ricediva, l-Qorti tikkummenta illi nonostante gie ezebit kopja tal-fedina penali ta' l-imputat, qatt ma gew ezebiti sentenzi tal-Qorti illi jikkoncernaw lill-imputat u l-anqas ma' ngabu x-xhieda ta' identifikazzjoni rikjesti mill-ligi sabiex tigi, posittivament, konfermata l-persuna ta' Jeffrey Sammut. In vista ta' dawn ir-ragunijiet, dina l-Qorti ma' tistax issib lill-imputat hati ta' dina l-imputazzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti temmen illi piena karcerarja mhihiex adekwata stante l-problema tad-droga u s-sottomissjoni volontarja tieghu ghal kura residenzjali. Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni illi ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sentejn mil-lum, a tenur tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152, that is-sorveljanza tal-Probation Officer Carmen Nygaard illi kull sitt xhur ghandha tirraporta dwar il-progress ta' l-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------